**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Bernice Fenech**

**u**

**Andre Attard**

Illum, 02 ta' Gunju 2025

Il-Qorti:

Rat-l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' :

**Bernice Fenech** ta' 40 sena, bint Joseph u Theresa nee' Bugeja, imwieled tal-Pieta' nhar I-16 ta' Ottubru 1983, residenti gewwa Nru.1, Farmhouse, L-Abatija, Limiti tal-Mgarr, Malta, detentrici tal- karta tal- identita Maltija bin- numru 531983M u

**Andre' Attard** ta' 43 sena bin Emanuel u Josephine nee' Costa, imwieled tal-Pieta nhar 1- 5 ta' Gunju 1980 residenti gewwa, Nru 27, St. Joseph, Triq L-Ahwa Vassallo, Luqa detentur tal- karta tal- identita Maltija bin- numru 269480M,

Akkuzati talli bhala persuni li f'isimhom ghandhom il-licenza tal-kazin u/jew kienu qed jiehdu hsieb il-kazin bl-isem 'Luqa Bocci Club' li jinsab fi triq Triq Ganni Vassallo Luqa fil-lejl ta' bejn it-13 u I-14 ta' Settembru 2023:

1. *Hallew jew ippermettew gewwa dak l-istess hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala pos tta' laqgha ghal skop tå' prostituzzioni jew ghal skopijiet ohra immorali [Kap 63. Art.(9)];*
2. *Ippermettew jew hallewli f'dan il-hanut isiru hwejjeg kontra l-ligi jew il-morali. [Reg 25 L.S. 10.09];*
3. *Ippermetteew li jigi operat jew operaw I-istabbiliment imsemmi billi provdew ikel minghajr ma applikaw qabel u gabu il-licenza mehtiega mahruga mill-Awtorità ghall-stess operat [Kap 409.15, 3(1)];*
4. *Fil-lokal imsemmi, daqqew u/jew hallew min idoqq strumenti muzikali jew ippermettew id-daqq ta' xi muzika registrata b'xi mod li jkun, jew l-amplifikazzjoni ta' dik il-muzika b'xi mezz elettroniku, elettriku jew iehor, minghajr il-permess tal-Pulizija. [Reg. 22(1) L.S 10.09]*

Bernice Fenech wahida giet akkuzata wkoll talli:

1. *Bhala persuna li fil-hin ta' l-ghemil ta' reat kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' xi korp jew ghaqda ta' persuni, u cioè ta' Luqa Bocci Club li jinsab gewwa Triq Ganni Vassallo, Luqa, jew kont ged tidher li qed tagixxi f din il-kariga, kellha taghrif tar-reat imsemmi, li sehh fil-lejl ta' bejn it-13 u 1-14 ta' Settembru 2023 jew ma ezercitatx id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-ghemil tal-istess reati deskritti [Art. 13 Kap 249];*

2. *Bhala persuna li f'isimha ghandha l-licenza tal-hanut bl-isem Luqa Bocci Club li jinsab fi Triq Ganni Vassallo Luqa, ippermettiet lil Barman Andre' Attard jaghmilha ta' sostitut taghha minghajr licenzja mill-Awtorità Regolatorja. [Reg.21 L.S. 10.09].*

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati hallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal- esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum sabiex tinghata s-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2024 xehdet Dr Christine Camilleri, f'isem l-Awtorita' Maltija tat-Turizmu[1]. Tghid li saret ricerka fuq l-imputati Bernice Pace (sic.), Andre Attard u Luqa Bocci Club u ma rrizulta xejn u pprezentat dokument li jikkonferma dan, liema dokument igib il-firma ta' certu Malcolm Zerafa.

Fl-istess seduta xehed PC 310 Clint Bohm, stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid[2] li spjega li minn ricerka li saret dwar Luqa Bocci Club, Triq Ganni Vassallo, Hal Luqa, irrizulta li l-imputata Bernice Fenech hija s-segretarju tal-Club u fl-24 ta' Frar 2023 kienet hallset il-licenzja C88953 fl-ammont ta' €46.59. Il-hinijiet tal-ftuh tal-club skont il-licenzja huma mit-Tnejn sal-Hadd mill-17:00 hrs sa 00:00hrs.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2024 xehed Elias Aquilina[3]. Jghid li mar ikla fil-club tal-bocci ta' Hal Luqa li kienet organizzata minn certu Mark Cachia Zammit.

[1] Fol. 7-11 tal-atti processwali
[2] Fol. 15-16 tal-atti processwali
[3] Fol.30-34 tal-atti processwali

Ghal din l-ikla kien hemm certu "Felic" u wahda mara li ma kienx jaf min hi. Jghid li din bdiet iggib ruhha b'mod provokattiv lejn dan Felic. Hekk kif beda hiereg l-ewwel platt tal-ikel, dawn bdew jinzghu u jaghmlu affarijiet mhux xierqa hemmhekk. Jghid li dakinhar wara l-bar kien hemm certu Andre Attard. In kontro-ezami jghid li l-imputata Bernice Fenech ma kienitx fil-club dakinhar tal-ikla.

Fl-istess seduta xehed Isaac Spiteri[4]. Jghid li kien prezenti fil-club tal-bocci ta' Hal Luqa ghal ikla meta saru attivitajiet sesswali bejn mara u ragel li ghalkemm ma jafhomx, kienu fuq l-istess mejda tal-ikla. Jaf li l-"owner tal-bar" huwa certu "Andre" li ma jafx x'kunjomhu, li kien wara l-bar u anke' fil-kcina. Kien hemm ragel iehor isajjar fil-kcina. Jghid li l-imputata Bernice Fenech ma kienitx prezenti waqt din l-attivita'.

Fl-istess seduta xehed Brandon Lee Spiteri[5]. Jghid li kien prezenti fil-club tal-bocci ta' Hal Luqa ghal ikla. Ma gharaf lil hadd fl-awla mill-persuni li kien hemm waqt din l-attivita'.

Fl-istess seduta xehed l-Ispettur Paul Camilleri, stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid[6], li pprezenta l-istqarrija awdjoviziva taz-zewg imputati, liema stqarrija ttiehdet fl-ufficcju tieghu.

Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2024 xehdet Dr Katya Vassallo[7], li giet mahtura mill-Qorti sabiex tittraskrivi l-istqarrijiet awdjovizivi migbura mill-Ispettur Paul Camilleri. Tirrileva li hija giet moghtija biss l-istqarrija ta' Andre Attard.

---

[4] Fol. 35-38 tal-atti processwali
[5] Fol. 39-41 tal-atti processwali
[6] Fol. 42-43 tal-atti processwali
[7] Fol. 47-48 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat:**

L-istqarrija tal-imputat Andre Attard ittiehdet mill-Ispettur Paul Camilleri wara li Attard ghazel li ma jikkonsultax ma avukat. Fl-istqarrija tieghu, Attard jikkonferma li kien il-barman tal-club tal-bocci ta' Hal Luqa. Dahal hemm wara li hallas rigal lil ta' qablu. Il-club gie rizervat ghall-ikla in kwistjoni tramite habib tat-tifel ta' Attard. Attard jghid li t-tort kollu ta' li 'nqala kien tal-"ginger", b'referenza ghal Mark Cachia Zammit. Jghid li lil "Felic" (Felix Vella) kien jafu ghax gieli kien imur jixrob fil-club u lil mara nvoluta ma Felic, u cioe' Melanie Zahra, kien gieli raha Hal Luqa. Din Melanie Zahra marret fil-club qabel u staqsiet jekk hemmx xi ikla u hu qalilha biex titlaq ghax kienet ikla tal-irgiel. Eventwalment dahlet fil-club man-nies li bdew gejjin waqt li hu kien fil-kcina qed isajjar. Beda jittawwal mill-bieb tal-kcina kultant u jara lil dan Felic jaghmel il-hmerijiet ma Melanie Zahra, inkluz jghollilha d-dublett, ghalkemm skont hu, ma jidhrux li kienu fis-sakra. Aktar tard hareg mill-bar biex mar igib izjed birra Excel u rahom ser jitilghu fuq il-mejda tal-billiard u kien pront jghidilhom jinzlu minn fuqha. X'hin dahal lura, it-tifel tieghu qallu biex ma jhallihomx wahedhom wara li ghamlu dak li ghamlu. Wara ftit Melanie Zahra telqet u l-ikla baqghet ghaddeja. Imbaghad sema lin-nies tal-ikla jghidu li kienu tawha €200. Stqarrija ta' Bernice Fenech ma hemmx ezebita in atti.

**Ikkunsidrat:**

Fit-trattazzjoni, il-prosekuzzjoni tghid li meta l-Pulizija tkellmet ma Bernice Fenech, is-segretarja tal-club tal-bocci, qalet li wara li waslu ghandha l-filmati, kient pronta tterminat il-kuntratt tal-barman Andre Attard. Minkejja dan, tishaq li Bernice Fenech ghandha tinstab hatja talli ppermettiet lil Andre Attard jaghmilha ta' barman sostitut minghajr ma kellu licenzja. Minn naha tieghu,

Andre Attard kien prezenti fil-club waqt li gara l-akkadut u kien jaf li qed jittiehed il-filmat, u ghalhekk ippermetta li l-post jintuza ghal skopijiet immorali. Id-difiza ssostni li dak li gara li incident spontanju minn persuni indipendenti, tant li Bernice Fenech lanqas biss kienet prezenti u malli induna x'inhu jigri, Andre Attard ipprova jwaqqafhom. Tghid li l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 jikkontempla kaz fejn wiehed "ihalli jew jippermetti" li post jintuza bhala burdell. Issa Bernice Fenech lanqas biss kienet prezenti hemm u Andre Attard prova jwaqqafhom. Tghid ukoll li kazin tal-bocci ma jaqax taht id-definizzjoni ta' "hanut, allogg, lukanda jew appartament" kontemplata fl-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 bl-istess mod huwa nieqes l-element tal-kontinwita' tal-attivitajiet illeciti li jimplika l-kliem "jigu uzati" f'dan l-Artikolu. Fl-atti ma hemmx prova diretta tal-atti illeciti li allegatament saru u lanqas ma hemm prova konklussiva li entrambi l-imputati ghandhom f'isimhom xi licenzja jew permess relattivi ghall-kazin in kwistjoni, dan partikolarment ghax l-informazzjoni provduta mill-MTA tirrefei ghal "Bernice Pace" u ma tindika l-ebda numru tal-identita' tal-ebda mill-imputati. Intant, id-dokument la gie pprezentat u wisq anqas guramentat mill-awtur tieghu. Lanqas ma hemm provi li kienet qed tindaqq xi muzika fil-jum u hin indikat.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet fil-konfront ta' Bernice Fenech u Andre Attard**

Illi permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet, iz-zewg imputati qed jigu mixlija li hallew jew ippermettew il-Luqa Bocci Club jintuza bhala post ta' laqgha ghal

skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali kif ukoll li ppermettew li f'dan il-"hanut" isiru hwejjeg kontra l-morali.

Illi l-Artikolu 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni jghid li "*kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur*".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Jason Degiorgio***, deciza fl-14 ta' Frar 2008, din il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti dwar l-ghanijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta):

> "*Tajjeb li jigi osservat f'dan l-istadju li l-Ligi ma tipprojbix l-att sesswali fih innifsu bejn zewg adulti, anki jekk dan ikun bi hlas. Il-Kapitolu 63 jipprojbixxi, fost affarijiet ohra, it-tlajjar ghal dak l-iskop, it-tmexxija ta' burdell ghal dak l-iskop, l-isfruttar ta' persuni ghal dak l-iskop u l-qligh ta' flus minn dik l-attivita, izda mhux l-atti sesswali bejn mara u ragel li t-tnejn ikunu hekk iridu, anki jekk il-wiehed qed ihallas flus lill-ohra jew ihallas b'mod iehor. Allura l-"iskop immorali" ghandu jigi kkunsidrat fl-isfond tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 63. Mill-interpretazzjoni li din il-Qorti tista' taghti, il-Ligi tfittex li tipprotegi persuni li jigu assoggettati kontra l-volonta taghhom milli jaghmlu atti sesswali ma' terzi, u/jew l-flus li jithallsu ta' hekk jinghaddu lil haddiehor, lil min qed imexxiehom. L-immoralita' allura ma tibqax biss izolata fuq l-att sesswali per se, izda li wiehed jisfrutta d-dghjufija ta' haddiehor u jzomm lil dik il-persuna dghajfa taht kontroll assolut tieghu. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti ghanda tara xi jfisser "skop immorali". Dan qieghed jinghad ukoll u jigi pprecizat peress illi*

*fil-kamp penali ghandha dejjem tinghata interpretazzjoni restrittiva ta' kull kuncett li jkun, u ghalhekk l-iskop "immorali" ukoll irid jigi interpretat b'dan il-mod u f'dan l-isfond".*

Issa in atti, prova konklussiva li entrambi l-imputati kienu b'xi mod involuti fl-"isfruttament tad-dghjufija ta' haddiehor" jew li ezercitaw xi "kontroll" fuq il-persuni nvoluti ma hemmx. Bernice Fenech lanqas biss kienet fuq il-post, u mill-istqarrija tal-imputat l-iehor Andre Attard, bl-isfumaturi kollha taghha, qajla johrog li huwa kien komplici, jew li b'xi mod kien qed jibbenefika mill-attivitajiet sesswali li saru bejn Felix Vella u Melanie Zahra. Issa jekk dawn l-attivitajiet sesswali kienux ta' natura spontanja bejn Vella u Zahra jew inkella kienx hemm instigazzjoni ta' terzi persuni, li huwa car fil-fehma ta' din il-Qorti huwa li in atti ma hemm l-ebda prova li torbothom ma entrambi l-imputati. *Obiter*, jinghad li hemm indikazzjoni soda li t-terz instigant kien certu Mark Cachia Zammit maghruf bhala "Il-Ginger", li qed jiffaccja proceduri kriminali indipendenti dwar l-istess akkadut.

Illi kif sewwa tissottometti d-difiza, la hemm prova li entrambi l-imputati xjentament ippermettew jew hallew li l-kazin jintuza ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali, la hemm prova ammissibbli li effettivament kienet qed issir prostituzzjoni (ghall-anqas fis-sens ordinarju taghha) ghajr ghall-fatt ragel u mara kellhom x'jaqsmu ma xulxin u fuq kollox, mill-istqarrija ta' Andre Attard, johrog li huwa prova jwaqqaf il-prosegwiment tal-attivita' sesswali bejn Vella u Zahra. Intant, minn dak li gie spjegat *supra* dwar l-ghanijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, johrog car li l-artikolu li tahtu hija postulata l-ewwel (1) imputazzjoni, jirreferi ghal sitwazzjoni fejn ghandek lok li qed jintuza ghal attivita' ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali fuq bazi kontinwa, sistemika u organizzata. Kull ma johrog mill-provi huwa li kien hemm incidenza solitarja u possibilment

spontanja waqt ikla organizzata minn terzi persuni li huma estranji ghal entrambi l-imputati.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti din l-imputazzjoni ma tirrizultax sufficjentament ipprovata u sejra tillibera liz-zewg imputati minnha.

Illi l-Regolament 25 tar-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika) jghid li *"ebda persuna bil-liċenza ma għandha tħalli li fil-ħanut isiru ħwejjeġ kontra l-liġi jew il-morali"*.

Jidher li d-dicitura fil-ligi ta' "persuna bil-licenza" f'dan il-kaz tista' tirreferi biss ghal Bernice Fenech, ghax mill-provi in atti, jidher li hi l-unika persuna li zzomm licenza. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tqis din l-imputazzjoni kif postulata fil-konfront ta' Andre Attard u sejra tilliberah minnha.

Issa fil-kaz ta' Bernice Fenech, *detto* li din hija sede penali, din il-Qorti trid thaddem il-ligi konformament mal-principju kardinali *in dubio pro reo*, ghalhekk la mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax li Bernice Fenech kienet prezenti fuq il-lok meta sehhet l-attivita' jew li kellha xi gharfien minn qabel ta' x'kien ser isir u li hija naqset milli twaqqfu, temergi sitwazzjoni fejn hija kienet f'impossibilita' li taghmel dak sostantivament mitlub minnha mill-ligi, u cioe' li twaqqaf milli jsiru hwejjeg kontra l-ligi u l-morali fil-lokal in kwistjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs George Vella*** il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-impossibilita':

> *"Jekk minn naha 'l oħra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl-inkapaċita' illi jottempra ruħu mal-liġi jew inkella kontra l-volonta' tiegħu jitneħħa minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tiegħu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni oħra u l-appellat ikun jista' jqajjem b'suċċess id-difiża ta' impossibilita'".*

Verament is-sitwazzjoni fattwali mhux identika imma l-istess principji japplikaw u għalhekk, Bernice Fenech qed tiġi liberata minn din l-imputazzjoni ukoll.

**Dwar it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet fil-konfront ta' Bernice Fenech u Andre Attard**

Illi dawn l-imputazzjoni huma marbuta mal-licenzjar tal-Luqa Bocci Club u l-unika informazzjoni in atti dwar il-licenzjar *o meno* ta' dan il-lokal hija x-xhieda ta' PC 310 Clint Bohm (a Fol. 15-16) kif ukoll karta miktuba bl-idejn ipprezentata minnu (a Fol. 17). Minn dawn jirrizulta biss li s-segretarja tal-Club hija l-imputata Bernice Fenech u li dan il-lokal huwa licenzjat li jiftah mit-Tnejn sal-Hadd bejn 17:00hrs u 00:00hrs u xejn aktar. Prova ta' kwalunkwe kundizzjonijiet ohrajn in atti ma hemmx. Intant, bla hsara ghall-argumenti dwar l-ammissibilita' tieghu, id-dokument a Fol. 12 rilaxxjat mill-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu kull ma jghid huwa li ma hemm l-ebda informazzjoni dwar entrambi l-imputati kif ukoll il-lokal Luqa Bocci Club. Prova ta' xi kondizzjonijiet tal-licenzja ulterjuri ghal dak imsemmi minn PC 310 Clint Bohm ma hemmx. Ghalhekk, l-imputazzjonijiet tlieta (3) u erba (4) kontra z-zewg imputati ma jirrizultawx ipprovati ghax il-Qorti ma tafx x'inhuma l-kundizzjonijiet li l-imputati allegatament naqsu milli josservaw. B'referenza ghar-raba (4) imputazzjoni, b'zieda mas-suespost, tajjeb jinghad ukoll li l-ebda mix-xhieda ma semmew li kienet qed tindaqq xi muzika.

**Dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet fil-konfront ta' Bernice Fenech wahedha**

Illi l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra Bernice Fenech wahedha ma hija imputazzjoni xejn izda sempliciment indikazzjoni ta' responsabbilita' vikarja ai

termini tal-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni b'referenza ghat-tieni (2) imputazzjoni li ssegwiha. Tajjeb jinghad ukoll, ai fini ta' korrettezza legali u akkademika, li l-imputazzjoni sostantiva addebitata fil-konfront ta' Bernice Fenech si tratta ta' responsabbilita' diretta taghha "bhala persuna li f'isimha ghandha l-licenza tal-hanut bl-isem Luqa Bocci Club". Li kieku kellu jigi ppruvat reat ta' ommissjoni minn naha taghha, l-awtur ta' dan ir-reat hija biss Bernice Fenech ghax hi l-persuna li f'isimha ghandha l-licenzja u mhux l-assocjazzjoni innifisha. Is-sitwazzjoni hawn hija ferm differenti, per ezempju, mill-kaz ta' meta jigu mharrka diretturi ta' kumpanija limitata meta din l-istess kumpanija tkun ghamlet reati kontra l-ligijiet tat-taxxa jew tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk, fis-sens spjegat, ic-citazzjoni hija redatta hazin mill-prosekuzzjoni.

Illi t-tieni (2) imputazzjoni hija msejjsa fuq ir-Regolament 21 tar- Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ ta' l-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika) (L.S. 10.09) li jghid li "ebda persuna bil-liċenza ma tista' timpjega persuna oħra biex tagħmel flokha jew bħala rappreżentanti tagħha mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija" b'referenza specifika ghall-imputat l-iehor Andre Attard bhala barman. Issa, filwaqt li mix-xhieda ta' PC 310 Clint Bohm (a Fol. 15-16) jirrizulta pruvat li l-persuna li fuqha hemm il-licenzja tal-Luqa Bocci Club hija l-imputata Bernice Fenech bhala Segretarja, il-prosekuzzjoni ma ggibx prova *ad escludendum* li ma kienx hemm permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-imputat l-iehor Andre Attard jagixxi ta' sostitut taghha f'dan il-lok. Jirrizulta biss mill-istqarrija ta' Andre Attard li ghal xi mumenti waqt l-attivita' in kwistjoni halla l-bar f'idejn wahda mara sakemm mar igib aktar birra Excel, izda dan imur lilhinn mill-parametri ta' din l-imputazzjoni kif postulata ghax tirreferi biss ghal Andre Attard. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tqis li l-imputazzjoni giet

sufficjentament ipprovata mill-prosekuzzjoni u sejra tillbera lil Bernice Fenech minnha.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 21, 22(1) u 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09, l-Artikoli 15 u 3(1) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Bernice Fenech u Andre Attard **mhux hatja** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u b'hekk tillliberahom minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum, id-19 ta' Mejju 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Il-Belt Valletta.**

**Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Registratur**